



Brussell, 1 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10361/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0097(CNS)**

**FISC 112
ECOFIN 674
COVID-19 294**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9995/21
Nru dok. Cion:	7749/21 - COM (2021) 181 final
Suġġett:	Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku (l-hekk imsejħa proposta ta' "xiri u għoti ta' donazzjoni")¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li tappoġġa miżuri meħuda fil-livell tal-Unjoni fl-interess pubbliku, b'mod partikolari meta l-Unjoni tkun qed taġixxi fit-tweqqi ta' mandat biex tixtri oġġetti u servizzi sabiex tqassamhom mingħajr ħlas lill-Istati Membri skont il-ħtiġijiet ta' emerġenza tagħhom.

¹ Dok. 7749/21.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fis-sessjoni plenarja tiegħu, fis-27 ta' April 2021². Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Mejju 2021³.

II. DISKUSSIONIJET TAL-KUNSILL

4. Wara diskussjonijiet fil-korpi preparatorji tal-Kunsill, il-fajl ġie ppreżentat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-9 ta' Ġunju 2021 u lill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-18 ta' Ġunju 2021 għal dibattitu ta' orjentazzjoni⁴. Id-dibattitu wera r-rieda tal-Istati Membri li jnaqqsu l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għall-emerġenza tal-COVID-19 u li jħassru ċ-ċertifikat ta' eżenzjoni elettroniku mill-proposta, biex ikun hemm adozzjoni rapida tal-abbozz ta' Direttiva.
5. Fit-30 ta' Ġunju 2021, it-test ta' kompromess tal-Presidenza fid-dok. ST 9995/21 (+ REV 1 (FI)) ġie approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti. Il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Coreper u tal-Kunsill⁵.

III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

6. F'dan il-kuntest, il-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) huwa mistieden jadotta t-test fid-dok. 10114/21 (iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti) bħala punt A fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Lulju 2021.

² Dok. ECO/554-EESC-2021-02040.

³ Dok. P9_TA(2021)0228.

⁴ Dok. 9427/21.

⁵ Dok. 9995/21 ADD 1.